PLURIBUS PARENS

Minuti tas-sebgħa u tletin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ssejħet b'urġenza u li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2014 fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |
| Skużati:- | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Demelsa Grech |

**Aġenda:-**

1. Re: L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Gudja

2. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.45pm wara talba qasir minn dawk kollha preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku dwar li kien irċieva komunikat mis-Sur Baldacchino li ma setgħax jattendi peress li ħassu ma jiflaħx.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lis-Sindku li Ms Grech bagħtet imejl fejn qalet li hija diġà kienet infurmat, sa żmien ilu, li ma tkunx tista' tattendi għal-laqgħat li jkunu se jsiru nhar ta' Tlieta peress li jkollha impenji oħra fissi li ma tkunx tista' tevitahom.

Peress li l-Kunsill kien tal-fehma li dawn huma raġunijiet ġustifikati, il-Kunsill b'mod unanimu qabel li dawn għandhom jiġu skużati u li din l-assenza ma għandiex tnaqqas xi parti mill-*allowance* ta' kull sitt xhur.

Diskors mis-Sindku. Is-Sindku spjega li peress li kien irċieva talba mis-Sur Sammut sabiex tissejjaħ laqgħa b'urġenza u peress li huwa kien ukoll jaqbel li l-materja kienet ta' natura urġenti, huwa kien pront qabel u laqa' t-talba u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isejjaħ din il-laqgħa urġenti kif fil-fatt sar.

## 1.0 L-Estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, il-Gudja

1.1 Laqgħa mal-MEPA li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru fl-10.00 ta' filgħodu u oħra mal-MIA nhar l-Erbgħa 12 ta' Novembru fit-3.00pm.

Waqt dawn il-laqgħat li l-Kunsill mgħejjun mill-Perit Cacopardo, ġie diskuss l-impatt ambjentali u kif dan jista' jaffetwa ħażin lill-Gudja u r-resdienti tagħha. Mal-MIA r-rappreżentanti tal-Kunsill ġie diskuss ukoll l-effetti ta' dan l-iżvilupp massiv u azzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-MIA dwar traffiku, parkeġġ, ambjent/*embellishment* u ġibjuni.

1.2 Diskussjoni u intervent telefoniku mal-Perit Carmel Cacopardo. Saret diskussjoni estensiva dwar kif dan l-iżvilupp sejjer jersaq ħafna lejn il-Gudja u li jista' jħassar parti mill-inħawi tal-Knisja ta' Bir Miftuħ.

Il-Perit Cacopardo stqarr li kien qed jistenna li l-MEPA terġa ssejjaħ lill-Kunsill sabiex ikun hemm aktar żviluppi u spjegazzjonijiet dwar l-oġġezzjonijiet u sottomissjonijiet kif imressqa mill-Perit Cacopardo f'isem il-Kunsill Lokali l-Gudja.

1.3 Twaqqief ta' tliet *working parties*. Il-ħsibijiet li qed jinkwetaw kemm il-Kunsill kif ukoll ir-residenti tal-Gudja jistgħu jiġu indirizzati fi tliet gruppi:-

a. Traffiku u Parkeġġ
b. Proġetti ta' żvilupp f'risq ir-residenti tal-Gudja u *embellishment* ieħor speċjalment fl-inħawi tal-Knisja ta' Bir Miftuħ
c. Ġibjuni u l-ilqugħ tal-ilma sabiex l-inħawi kollha milquta jiġu protetti sewwa kontra x-xita qawwija li tikkawża għargħar u ħsara devastanti.

Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn it-temi jiġu indirizzati sewwa permezz ta' tliet *working parties* li fihom ikun hemm ir-rappreżentanza tal-Kunsill, l-MIA u nies tekniċi u professjonali li jkunu jistgħu jgħinu sewwa dwar dak li jkun qed iseħħ f'mod imparzjali u xieraq. Kull żvilupp għandu jkun sostenibbli u fl-aħjar interess komuni tal-*istakeholders* konċernati iżda żgur mhux l-anqas il-Gudja u r-residenti tagħha. Ir-rappreżentati mill-Kunsill Lokali l-Gudja jkunu kemm konsultati kif ukoll parti mid-deċiżjonijiet li jittieħdu.

1.4 Laqgħa għall-Pubbliku. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li sa żmien ilu kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni xierqa mal-pubbliku, speċjalment mar-residenti tal-Gudja u għal dan il-għan li tiġi msejħa laqgħa pubblika kif sejjer jingħad:-

Data: Il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2014
Ħin: fis-6.00 ta' filgħaxija
Post: quddiem l-uffiċċju temporanju tal-Kunsill Lokali l-Gudja li jinsab fil-Librerija Guzeppi Zammit. F'każ ta' maltemp, il-laqgħa ssir xorta u jkun hemm lok ieħor ipprovdut mill-Kunsill Lokali l-Gudja.

Waqt din il-laqgħa sejra ssir preżentazzjoni dwar dak li sar s'issa dwar din il-materja mill-Kunsill.

Din il-preżentazzjoni sejra ssir mill-Perit Carmel Cacopardo f'isem il-Kunsill Lokali l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li r-residenti għandhom jiġu infurmati dwar din il-laqgħa permezz ta' ittra ċirkulari li għandha titqassam lir-residenti kollha, permezz tal-posta liema ittra għandha tiġi ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 2.0 Għeluq tal-laqgħa

2.1 Peress li l-materja li għaliha ssejħet il-laqgħa ġiet eżawrita, s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm sine die.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John Mary Calleja
Sindku

Data: ____________________